**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Mejju, 2017

Rikors numru : 54/17 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-23 ta' Frar 1986 u dana kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal li llum huma kollha maggorenni u jahdmu.

Illi ma hemm ebda obbligu tal-manteniment a favur l-intimata.

Illil-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 3 ta' Mejju 2013, u qabel dan il-kuntratt gie konkluz kien ilhom separati de facto sa minn ghaxar xhur qabel, u b'hekk jghixu ndipendenti minn xulxin sa minn dak iz-zmien, ossia aktar minn erba snin.

Illi ma hemm ebda possibilta li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw, tant illi issa r-rikorrent bena familja ohra.

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha rispettati skont kif tirrikjedi l-ligi.

Illi l-esponenti jixtieq li jipprocedi ghad-divorzju.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tghaddi sabiex ixxolji z-zwieg bejn il-kontendenti bl-effetti kollha illi l-ligi timponi fuq tali hall taz-zwieg.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

Illi l-esponenti giet nnotifikata bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;

Illi l-esponenti tirrileva li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghal din it-talba;

Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri tat-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) liema kuntratt gie pprezentat mar-rikors promotur;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-esponenti jitlob lil dina il-Qorti illi huwa ma jbaghtix l-ispejjez ta' dawna il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Mejju 2013 u de facto separati sa minn ghaxar xhur qabel din id-data;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.